MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 538/1982/1

**Michelina Spiteri**

**u Mary Rose Vigna**

**u b'digriet tal-20 ta'Novembru 2001 l-atti**

**gew trasfuzi f'isem mary Rose Vigna**

**vs**

**Wilfred u Albert Mamo in rapprezentanza**

**tad-ditta Allied Trading Limited**

**U b'digriet tal-24 ta'Marzu 1993 Harrold**

**Harris gie konfermat bhala kuratur tal-**

**assenti Wilfred Mamo**

**U b'digriet tal-10 ta'Novembru 2014 Socjeta**

**Allied Trading Limited C5461**

**Il-Qorti :**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fl-14 ta' Mejju 1982 li taqra hekk:

*"Peress illi bejn l-atturi u l-mejjet Kaptan Anthony Spiteri kien hemm socjeta' kummercjali taht l-isem Giuseppe Mallia, li kellha rapprezentanza ta' ditti esteri;*

*Peress illi l-imsemmi Kaptan Anthony Spiteri miet fis-26 ta' Frar 1981, u sussegwentement saret socjeta gdid bl-isem ta' socjeta' konvenuta;*

*Peress illi din is-socjeta' tat x'jifhem lid-ditti ta' barra li s-socjeta' antika Giuseppe Mallia ser tkompli taht l-isem gdid ta' Allied Trading Limited u b'hekk ottjeniet ir-rapprezentanza esklussiva ta' xi ditti esteri ad eskluzjoni ta' l-atturi li ma ghandhom l-ebda sehem fid-ditta konvenuta (Dok. A);*

*Peress illi b'dan l-agir tal-konvenuti nomine, arreka danni lill-attur;*

*Jghidu l-konvenuti nomine, ghar-ragunijiet fuq premessi, ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:*

1) *tiddikjara lill-konvenuti noe. responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi;*
2) *tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, anke jekk hemm bzonn b'opra ta' periti nominandi;*
3) *tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi danni li jigu hekk likwidati.*

*Bl-imghaxxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk tal-protest u ta' l-ittra ufficjali ta' 21 ta' Awissu, 1981 kontra l-konvenuti noe., li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni. "*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi tal-14 ta'Mejju 1982 (a fol.3);

Rat li l-atti tac-citazzjoni u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta'konvenuta skond il-ligi;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine tat-8 ta'Gunju 1982, (a fol. 5) li taqra hekk:

*"Illi l-azzjoni tal-atturi hi ghal kollox infondata fid-dritt u fil-fatt stante li kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-premessi li fuqhom it-talbiet huma bazati ma' jirrispekkjawx il-verita'.*

*Illi salvi eccezzjonijiet ohra din l-azzjoni ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-atturi."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti nomine tat-8 ta'Gunju 1982, (a fol. 5 et seq.);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-17 ta'Mejju 1983 illi bih gie nominat il-Perit Legali Dr.Guido Saliba (a fol.13) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta'Gunu 1989 illi bih gie nominat il-Perit Legali Dr. Loius Thompson (a fol. 31) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-24 ta'Marzu 1993 Harold Harris gie konfermat bhala kuratur tal-assenti Wilfred Mamo (a fol. 144) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta'Jannar 1995 illi bih issospendiet l-inkarigu tal-Perit Legali u gie issostitwiet minn Dr.Mark Grixti (a fol.150 et seq) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tad-29 ta'Mejju 1996 illi bih giet nominata l-Assitent Gudizzjarju Mariella Gonzi (a fol. 205) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-10 ta'Marzu 1997 illi bih gie issostitwiet l-Perit Legali Dr. Joselle Galea (a fol. 206) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-8 ta'Lulju 1998 innominat lil Dr. Tanya Sammut bhala l-Perit Legali (a fol. 249) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-20 ta'Novembru 2001 l-atti gew trasfuzi f'isem Mary Rose Vigna (a fol. 271);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Tanya Sammut Catania prezentata u mahlufa fit-18 ta'Frar 2013 (a fol. 458 et seq);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta tat-30 t'April 2013 (a fol. 857 et seq.);

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti b'mod specjali mix-xhieda ta' **Michelina Spiteri, (**xhieda fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 1983 – vide fol. 153 et seq. u permezz t'affidavit a fol. 131 et seq.) ikkonfermat illi d-ditta "Giuseppe Mallia" kienet tezisti minn qabel ma' zzewget lil Carmelo sive Charles Spiteri u li din id-ditta kienet primarjament gestita mit-tlett ahwa cioe' zewgha Carmelo Spiteri, il-Kaptan Antonio Spiteri u Edgar Spiteri. Hija xhedet illi sakemm miet zewgha fil-25 ta' Awissu 1976, din id-ditta kienet baqghet topera u kienet timporta hwejjeg tal-ikel bhal Quaker Oats, ditta tat-te', Lesme Payne u ditti ohra. Wara l-mewt ta' zewgha, id-ditta kienet gestitha mill-Kaptan Anthony Spiteri li kien jibghat cekk mensili lil bintha, l-attrici Mary Rose Vigna ta' cirka LM60 u fl-ahhar tax-xahar kien jibghat "balance sheet." L-attrici xhedet illi Domenico Vigna, ragel ta' bintha, kien jirrapprezenta lill-atturi pero' tghid illi ma' kienx jithallas u lanqas ma' kien jithalla mill-Kaptan Spiteri jiehu sehem attiv fil-gestjoni tad-ditta. Hija tghid ukoll illi wara l-mewt tal-Kaptan Spiteri fis-26 ta' Frar 1981, hija ma' baqghetx tircievi aktar flus u li sussegwentement id-ditta "Giuseppe Mallia" baqghet titmexxa minn Herbert Warrington li mieghu dahhal socju lill-konvenut Wilfred Mamo.

L-attrici **Mary Rose Vigna** xehdet (waqt is-seduta mizmuma quddiem Dr. Guido Saliba fid-9 ta' Dicembru 1983 - vide fol. 156 et seq,) permezz t'affidavit tal-20 ta' Marzu 1991 (a fol. 39 et seq.) u kif ukoll waqt is-seduta tal-1 ta' Lulju 1999 (a fol. 491 et seq.) u iddikjarat illi hija kienet l-unika eredi ta' missierha li miet intestat. Hija xhedet illi d-ditta "Giuseppe Mallia" kienet tappartjeni lil missierha u kif ukoll lil zijuha l-Kaptan Spiteri wara li dawn kienu xtraw sehem huhom l-iehor Edgar Spiteri. L-attrici tikkonferma illi mal-mewt ta' missierha, kienu hallsu taxxa ta' successjoni lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq id-ditta "Giuseppe Mallia" **li giet stmata fl-ammont ta' cirka Lm11,000** (Dok. MS6). Hija tghid illi kienet tagixxi ta' prokuratrici ta' ommha Michelina Spiteri fir-rigward tad-ditta "Giuseppe Mallia" u kienet tattendi l-ufficju sabiex tiffirma l-karti u tircievi l-hlasijiet. Xhedet illi zijuha il-Kaptan Spiteri kien jibghatilha cekk mensili ta' LM80 u kif ukoll kienet tithallas tal-profitti ta' bejn cirka Lm5 u Lm10. Hija tghid ukoll illi zijuha kien jaqsam ugwalment maghha il-kummissjonijiet li kienu jhallsu d-ditti esteri fosthom id-ditta Payne. Hija ikkonfermat illi d-ditta Giuseppe

Mallia kienet topera mill-fond numru 35 Old Bakery Street, Valletta li kien mikri mis-sid kien irrikonoxxa lill-missierha u lil zijuha bhala inkwilini u kif kien irrikonoxxa lill-uliedhom. A fol. 491 et seq., l-attrici tghid illi Herbert Warrington kien jahdem part-time u kien ukoll jagixxi ta' *Executive Secretary* tad-ditta: *"il-letter heads tad-ditta kienu in fatti tal-isem ta' H.A. Warrington bhala segretarju ezekuttiv."* B'referenza ghal Dok. MS1 li m'ghandhux data fuqu, l-attrici tghid illi dan id-dokument kien gie mahrug minn Warrington fil-25 ta' Awissu 1976 cioe' fil-gurnata tal-mewt ta' missierha. Hija xehdet illi hija qatt ma' hadet xejn mill-ufficju li fih kienet topera d-ditta u lanqas mill-imhazen izda zammet lill-pulizija milli jaghmlu t-trasferiment tal-van mill-isem tad-ditta Giuseppe Mallia ghal kwalunkwe isem iehor. Hija sostniet illi l-ghamara, l-van u l-ufficju baqa' jintuza mis-socjeta' konvenuta.

**Domenico Vigna,** ir-ragel tal-attrici Mary Rose Vigna, fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali Dr. Louis Thompson fit-13 ta' Lulju 1992, a fol. 160 et seq. u kif ukoll quddiem il-Perit Legali Dr. Joselle Galea waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju 1997 a fol. 219 et seq, ikkonferma illi d-ditta Giuseppe Mallia li kienet topera minn 35, Old Bakery Street kienet timporta prodotti tal-ikel, fosthom tad-ditti esteri Quaker Oats, Sugar Puffs, Sauces u cikkulata tad-ditta "Lesme." Huwa xehed illi kien beda jmur l-ufficju mis-sena 1974 'l quddiem, peress illi anke r-ragel tat-tifla tal-Kaptan Spiteri, Herbert Warrington, kien jmur. Vigna xehed illi kien jaghmel dan ix-xoghol bla hlas. Huwa xehed illi kien jmur ma' Carmelo Spiteri, cioe' missier martu l-attrici meta dan kien ghadu haj, kemm fl-ufficju u kif ukoll fl-imhazen tad-ditta fil-Hamrun fejn, cirka darba fix-xahar, kienu jinhattu l-*containers*. Huwa jghid illi c-cekkijiet tad-ditta Giuseppe Mallia kienu jigu iffirmati miz-zewg propretarji. Huwa jghid ukoll illi gieli mela l-fatturi hu personalment u kien gieli jghodd il-kaxxi. Vigna xhed illi baqa' jmur l-ufficju anke wara l-mewt ta' Carmelo Spiteri, cioe' wara l-25 ta' Awissu 1976 u dam jmur sa cirka s-sena 1978. Huwa jikkonferma illi x-xoghol sadakinhar kien baqa' l-istess u jghid in oltre illi wara l-mewt ta' Carmelo Spiteri, il-gestjoni tad-ditta kienet esklussivament f'idejn il-Kaptan Anthony Spiteri li kien pero' jghidlu illi l-mara tieghu ossija Mary Rose Vigna kienet proprjetarja ta' nofs id-ditta Giuseppe Mallia. Vigna ikkonferma in oltre illi kull xahar kien jintbaghat cekk ta' LM80 akkont ta' sehmha u sehem ommha mill-profitti tad-ditta. Huwa pprezenta kopja fotostatika ta' zewg ittri li gew immarkati bhala Dok. DV1 u DV2 liema ittri kienu ntbaghtu mill-Kaptan Spiteri lill-martu Mary Rose Vigna datati s-17 ta' Ottubru 1980 u l-14 ta' Awissu 1980. F'dawn l-ittri hemm indikat illi dak iz-zmien kienu qeghdin jsiru diskussjonijiet sabiex issir il-likwidazzjoni tad-ditta "Giuseppe Mallia." Vigna

xhed ukoll illi wara l-mewt ta' missierha, martu Mary Rose Vigna kienet dahlet tagixxi fil-gestjoni tad-ditta Giuseppe Mallia minflok missierha bhala proprjetarja. Domenico Vigna sostna illi d-ditta kienet tuza Van Transit abjad sabiex iggorr il-prodotti liema van kien jinstaq minn impjegat tad-ditta certu Giliano u baqa' jinstaq minnu anke wara l-mewt tal-Kaptan Spiteri. Vigna sostna: "*Jiena kellimt lil dan id-driver wara l-mewt ta' missier il-mara u anke wara l-mewt tal-Kaptan Spiteri u dan qalli li ghalih kollox baqa' kif kien*." Huwa wera l-original ta' Dok. DV1 u DV2 lil Perit Legali li ivverifikat l-awtenticita' tal-istess- vide fol. 220.

**Francis Darmanin,** l-awditur tad-ditta Giuseppe Mallia, fis-seduta tal-11 ta' Lulju 1997 quddiem il-Perit Legali Dr. Joselle Galea a fol. 217 et seq, ikkonferma illi huwa kien responsabbli ghall-*auditing* tad-ditta Giuseppe Mallia u jikkonferma wkoll illi kien hu illi hejja l-*Audit Report* datat l-4 ta' April 1981. Huwa spjega illi d-ditta kienet maghmula minn Charles V. Spiteri u Anthony V. Spiteri u li huwa kien jaf biss lill-Kaptan Anthony Spiteri. Darmanin sostna illi huwa qatt ma' ltaqa mal-konvenuti Wilfred Mamo u Albert Mamo. L-awditur Francis Darmanin xehed illi wara l-mewt ta' Charles V. Spiteri:

> *"niftakar illi d-ditta Giuseppe Mallia giet mehuda mis-socjeta' Allied Trading Limited pero' jiena ma' nafx jekk is-socjeta' kienetx hallset lil Mrs. Spiteri ghas-sehem taghha fid-ditta. Li naf huwa li n-negozju tad-ditta gie mehud minn din is-socjeta. Is-shareholdres dak iz-zmien kienu certu Harris u certu Warrington. Jiena naf b'dawn il-fatti ghax wara kont naghmel l-auditing tas-socjeta' Allied Trading Limited. Din is-socjeta' fil-fatt baqghet timporta l-istess prodotti bhala Quaker Oats. Is-socjeta' kienet topera mill-istess ufficju li kienet topera fih id-ditta Giuseppe Mallia. Fl-ufficju kien hemm ukoll l-ghamara li qabel kienet tintuza mid-ditta. Kien hemm ukoll xi stocks u kien hemm ukoll van li qabel kien tad-ditta......Jiena niftakar illi d-ditta kellha driver impjegat maghha li kien jaghmel id-deliveries. Dan l-istess driver illum mejjet, kien jahdem ukoll mas-socjeta' Allied Trading Ltd. u jaghmel id-deliveries."*
>
> - vide fol. 217 sa 218

**Julia Brincat,** rapprezentanti tal-HSBC (Bank) Malta p.l.c., prodotta mill-attrici a fol. 497 ezebiet *statement* tal-kont kurrenti tad-ditta Giuseppe Mallia bil-kont numru 332128450 mill-31 ta' Dicembru 1973 sakemm inghalaq il-kont fis-16 ta' Frar 1977 (Dok. JB1 –JB58) u kif ukoll *statement* tal-kont numru 332670867 mis-27 ta' Awissu 1976 sakemm inghalaq il-kont fl-24 ta' Awissu 1981 ( Dok. AB1 –AB68).

**Harold Harris** in subizzjoni, waqt is-seduta peritali mizmuma mill-Perit Legali Dr. Joselle Farrugia fil-15 ta' Lulju 1997, a fol. 224a u 225 ikkonferma illi huwa kien involut fis-socjeta' konvenuta peress illi ghandu hamsin fil-mija tal-ishma tal-kumpanija u huwa wkoll Direttur flimkien ma' Herbert Warrington li huwa l-proprjetarju tal-hamsin fil-mija l-ohra tal-ishma. Huwa xehed illi:

> *"Allied Trading Ltd. illum timporta il-Quaker Oats u SugarPuffs. Qabel kienet timporta prodotti ta' George Payne u prodotti ta' Lesme....Is-socjeta' Allied Trading Ltd. ghadha topera mill-istess ufficju li kienet topera id-ditta Giuseppe Mallia f'Old Bakery Street, Valletta......kienet tuza il-van li kien jintuza mid-ditta Giuseppe Mallia. Anki d-driver li kien jahdem mad-ditta baqa' jahdem mas-socjeta' Allied Trading."*

Harris spjega illi huwa qatt ma' ha parti attiva fil-kumpanija Allied Trading izda kien Herbert Warrington li kien jiggestixxi l-kumpanija. Huwa jghid illi l-mara tal-Kaptan Anthony V. Spiteri u t-tfal taghha (ossija martu u l-mara ta' Herbert Warrington) kienu nnominaw lil Herbert Warrington bhala likwidatur tad-ditta Giuseppe Mallia wara l-mewt tal-Kaptan Anthony Spiteri pero' jghid illi ma' jafx jekk Mary Rose Vigna kienitx appuntatu bhala likwidatur ukoll. Huwa jghid ***"Pero' jiena ma' kontx involut f'din il-likwidazzjoni u ma' nafx ezatt x'gara."*** – vide fol. 225.

Harold Harris jzid jghid illi qabel il-mewt tal-Kaptan Anthony Spiteri, Herbert Warrington kien jahdem fuq bazi *part-time* mad-ditta Giuseppe Mallia u dakinhar tal-mewt tal-Kaptan Anthony Spiteri, Herbert Warrington kien qallu :

> *"li cempel lid-ditti barra minn Malta u gharrafhom li kien miet Anthony Spiteri. Warrington qalli illi dawn id-ditti staqsewh dwar min kien ser imexxi id-ditti u offrewlu jekk kienx ser jiehu id-ditti hu."*

A fol. 511 Harold Harris imbaghad zied jghid illi:

> *"ftit gimghat qabel ma' giet inkorporata s-socjeta' Allied Trading Co. Ltd. kien avvicinani Herbert Warrington u qalli illi l-Quaker Oats, George Payne u Lesme offrewlu d-ditti biex jirrapprezentahom hawn Malta u staqsieni jekk jiena riedx naghmel kumpanija mieghu biex nahdmu dawn l-Agenziji. Ahna hrigna Lm250.00 kull wiehed u ghamilna r-residenza taghna rispettiva bhala garanzija mal-Mid Med Bank. Din is-socjeta' bdiet topera minn 35, Old Bakery Street, Valletta u hallasna l-kera lil Mrs. Spiteri li tigi omm il-mara tieghu u omm il-mara ta' Herbert Warrington."*

Harris ikkonferma illi wara li giet inkorporata s-socjeta' Allied Trading Co. Ltd. huma baqghu juzaw l-istess ghamara (apparti milli inxtrat xi ghamara gdida), l-istess van u l-istess *delivery man* li beda jithallas mis-socjeta' Allied Trading Co. Ltd. Huwa xehed illi:

> *"Nghid illi fl-ewwel sena li kienet giet inkorporata s-socjeta' Allied Trading, Herbert Warrington kien qalli illi l-istess deliveryman kien jaghmel id-deliveries tad-ditta Giuseppe Mallia u kif ukoll id-deliveries ta' Allied Trading. Nippreciza illi kien hemm xi stock antik tad-ditta Giuseppe Mallia li kien fadal wara l-mewt tal-Kaptan Spiteri u ghalkemm id-ditta Giuseppe Mallia kienet spiccat, kienu xorta baqghu jsiru l-ahhar konsenji tal-istock li kien fadal u dan kien baqa' jsir mid-delivery man li kien qabel impjegat mid-ditta Giuseppe Mallia li pero' kien imbaghad impjegat mas-socjeta' Allied Trading Co. Ltd. Nghid illi ma' nafx f'hiex kien jikkonsisti dan l-istock tad-ditta Giuseppe Mallia izda nippresumi illi kien Quacker Oats ghaliex kien qalli Herbert Warrington."*

Harold Harris ikkonferma wkoll illi t-tabella tad-ditta Giuseppe Mallia baqghet imwahhla fuq il-fond numru 35, Old Bakery Street, Valletta ghalkemm minn dan il-fond kienet bdiet topera s-socjeta' konvenuta. Huwa ghall-ewwel jghid illi ghalkemm jipprezumi illi d-ditta Giuseppe Mallia kellha xi mahzen, ma' kienx jaf jekk is-socjeta' konvenuta kienetx tuza dan il-mahzen. Sussegwentement afferma illi Herbert Warrington kien qallu illi kienu jhallsu mitt lira (Lm100.00) fis-sena ghal-kera ta' mahzen tas-socjeta' Allied Trading Co. Ltd u li qabel kien jintuza mid-ditta Giuseppe Mallia b'kera ta' hamsin lira (Lm50.00) fis-sena.

A fol. 515 Harold Harris xehed illi ghal madwar xahar jew xahrejn huwa kien hadem xoghol klerikali fuq bazi "*part-time*" u wara l-mewt tal-Kaptan Anthony Spiteri jghid illi l-involviment tieghu kien waqaf. Huwa jghid illi ma' kienx involut fil-gestjoni tan-negozju tal-kumpanija Allied Trading pero' jghid ukoll illi Herbert Warrington kien jinformah b'dak kollu li kien jkun ghaddej. Huwa kkonferma illi s-socjeta' konvenuta kienet baqghet tirrapprezenta lid-ditti esteri sas-sena 1997.

**Albert Mamo** (a fol. 500) xhed illi ma' kienx *au current* ta' dak li kien qieghed jigri fis-socjeta' Allied Trading Ltd stante illi huwa kien *a non-executive director*. Huwa jispjega illi l-inkarigu tieghu beda meta l-kumpanija giet registrata fis-16 ta' April 1981 sal-1 ta' Gunju 1993. Huwa xehed:

> *"Jiena naf illi l-kumpanija kienet involuta fl-importazzjoni u distribuzzjoni ta' confectionary u prodotti relatati ma' "edibles", pero' ma' niftakarx ditti partikolari. Id-day to day management kien f'idejn Herbert Warrington u Harold Harris. Kontijiet bankarji ma' kontx niffirma ghaliex ma' kontx firmatarju."*

**Herbert Warrington** a fol. 486 et seq. xhed illi kienet tezisti *partnership* bejn Carmelo u l-Kaptan Anthony, ahwa Spiteri u jghid illi huwa kien jahdem bhala *part-time assistant* mal-Kaptan Spiteri stante illi huwa mizzewweg lil Joan, t-tifla tal-Kaptan Spiteri. Huwa ikkonferma illi kien hu illi kien jikkorrispondi mad-ditti esteri rapprezentati mill-firm Giuseppe Mallia fosthom George Payne, Lesme u Quaker Oats u li meta r-rapprezentanti tad-ditti esteri kienu jigu hawn Malta kien hu li jiltaqa' maghhom. Huwa jikkonferma wkoll l-awtenticita tad-dokument MS1 li gie pprezentat mill-attrici u kif ukoll l-ittra Dok HW1, li fiha huwa kien gie indirizzat bhala *Executive Secretary*. Huwa jghid pero' illi ma' kienx jara *balance sheets* tad-ditta Giuseppe Mallia u li ghalkemm kien gieli ltaqa' mal-awditur F.X. Darmanin huwa qatt ma' kien jinnegozja mieghu. Huwa ikkonferma in oltre illi d-ditta Giuseppe Mallia kienet topera mill-fond numru 35, Old Bakery Street, Valletta u li kellha xi ghamara fosthom skrivaniji, *calculator,* tapit, vetrina u xi affarijiet ohra, li kellha impjegati u li kellha van bin-numru ta' registrazzjoni B-1344. Huwa jispjega illi qabel ma' miet Carmelo Spiteri huwa ma' kienx jiehu parti attiva tad-ditta Giuseppe Mallia. Huwa jghid ukoll illi sad-data tal-mewt tal-Kaptan Anthony V. Spiteri l-ghamara u l-van kienu ghadhom hemmhekk ghalkemm aktar tard fix-xhieda tieghu afferma illi dan il-van kien gie misruq. Huwa afferma li r-rapprezentanti tal-imsemmija ditti esteri kienu ghadhom jezistu. Huwa kkonferma in oltre illi madwar xahrejn wara l-mewt tal-Kaptan Spiteri, kienet giet registrata l-kumpanija Allied Trading Co. Ltd. u li fiha huwa direttur, liema kumpanija timporta wkoll *food stuffs* mill-istess fond li fih kienet topera d-ditta Giuseppe Mallia cioe' 35, Old Bakery Street, Valletta pero' l-ispejjez tal-kera bdew jithallsu mis-socjeta' konvenuta. Huwa xehed illi:

> *"Nikkonferma illi d-ditta Allied Trading Company Ltd. kompliet tuza l-istess ufficju, l-istess impjegati u l-istess van u l-istess part-time accountant tad-ditta Giuseppe Mallia.*
>
> ***Meta giet iffurmata s-socjeta' Allied Trading Company Ltd, din ma tat l-ebda kumpens u dan kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal xi kumpens fil-futur."(*** **vide fol. 487)**

A fol. 502 sa 510, Herbert Warrington jikkonferma in oltre illi kienet tezisti Allied Imports Agency li kien jinnegozja biha l-Kaptan A.V. Spiteri u li hu ma' kellux x'jaqsam fiha. Huwa jghid illi ghalkemm intuza l-istess isem meta mbaghad giet iffurmata s-socjeta' Allied Trading Co. Ltd. Warrington insista illi huwa ma' kellu xejn x'jaqsam mal-Agenzija Allied Imports u li s-socjeta' Allied Trading Co. Ltd. ma' kienetx wirtet lil Allied Imports Agenzija. Huwa xehed illi meta kien miet l-Kaptan A.V. Spiteri, l-kumpaniji esteri kienu staqsewh min kien ser jiehu hsieb in-negozju ghaliex kellhom interess illi jkomplu jinnegozjaw hawn Malta. Warrington afferma:

> *"Jiena kont irrispondejthom illi ma' kontx naf min kien ser jiehu hsieb u ghidtilhom li ridt inbiegh l-istock li kien fadal biex naqdi l-kredituri li kellna. Quaker Oats kienu ssuggerewli li nkompli mmexxi l-business jiena. Jiena kont nafhom lilhom ghaliex kont nikkorrispondi maghhom u ncemplilhom taht l-Firm Giuseppe Mallia. Pero' ma' niftakarx x'kienu qaluli George Payne.."*- Vide fol. 502

A fol. 503 Warrington xhed illi mal-mewt tal-Kaptan A.V. Spiteri kien hemm zewg *containers (*20 *footer) stocks* wiehed kien diga' wasal Malta u l-iehor kien qieghed in transit u jghid illi kien hemm ukoll *container* iehor li kien ghadu kif telaq u kien ghalhekk ikkancellah. Sussegwentement (a fol. 504) Warrington ikkorega x-xhieda tieghu u xhed illi fil-mahzen kien hemm ammont ta' kwazi *container* ta' Sugar Puffs u xi kwantita' ta' Quaker Oats *"kien hemm parti minn conatiner 20 footer u ghalhekk nippreciza li hawn Malta ma' kienx hawn container shih."*

A fol. 517, huwa mbaghad xhed illi "*Kien hemm qisu nofs container fil-mahzen ta' sugar puffs u imbaghad kien hemm zewg containers ordnati li ppruvajt nikkancella, wiehed irnexxieli nikkancellah u l-iehor kien diga' telaq*."

Huwa jghid illi dawn l-istocks kienu nbieghu ghan-nom tal-firm Giuseppe Mallia u kien fetah kont kurrenti mal-HSBC Bank Malta p.l.c. fuq ismu personali bl-isem ta' "Herbert Warrington Number 2 account", liema kont bankarju jghid illi ghadu jezisti sallum u hemm bilanc ta' madwar Lm1,400. A fol. 504 xhed illi:

> *"Wara l-mewt tal-Kaptan Spiteri jiena hassejt l-obbligu li nbiegh l-istock li kien fadal u nigbor il-flus minghand l-Kredituri u mill-flus li nigbor kont inhallas l-ispejjez tad-ditta u nhallas lill-impjegati. Biex innaqqas l-ispejjez tad-ditta, itterminajt l-impjieg ta' zewg impjegati u kien fadal impjegat wiehed biss u cjoe' handyman."*

A fol. 505 Herbert Warrington xhed illi meta miet il-Kaptan Anthony V. Spiteri hu flimkein mal-Avukat Michael Refalo kien mar il-Mid Med Bank u ffrizaw il-kontijiet tad-ditta Giuseppe Mallia (Dok. HW1). Huwa jghid illi meta mbaghad bdew jingabru l-flus dovuti lil Giuseppe Mallia huwa kien fetah kont bl-isem ta' "Herbert Warrington Number 2 Account" ( li gie immarkat bhala Dok. HW2 u Dok. HW4). Warrington a fol. 510 xhed illi:

> *"Nghid illi hemm "Herbert Warrington Number 2 Account" mizmum mal-HSBC Bank Malta p.l.c. qabel Mid-Med Bank li fih hemm il-bilanc tal-firm Giuseppe Mallia.* ***Jiena naqbel li dan il-bilanc ghandu jigi diviz*** *skond il-personal accounts taz-zewg partners tal-firm Giuseppe Mallia illum it-tnejn mejtin."*

A fol. 507 et seq **ikkonferma illi huwa kien gibed ammont mill-imsemmi "Herbert Warrington Number 2 Account" cioe' Dok. HW2 sabiex jhallas id-differenza li kellha tithallas fuq id-denunzja tal-mejjet Kaptan Anthony Spiteri mill-eredi tieghu, cioe'martu u l-mara ta' Harold Harris**. B'mod illi ghalhekk kien baqa' l-ammont ta' LM1,328.21 indikat f'Dok. HW4. Warrington xhed illi ***"Ma' hassejtx il-bzonn illi***

***ninfurmaha*** (b'referenza ghall-attrici Mary Rose Vigna) *ghaliex nofs dawk il-flus kienu jappartjenu lill-familja tal-mara tieghi."*

Herbert Warrington jichad illi qatt kien hemm xi *bearer account* li gie msarraf minnu ghalkemm jikkonferma illi Dok. HW5 kien indirizzat lilu fejn fuqu hemm indikat "*Safe Custody Charges re Firm Giuseppe Mallia."* Huwa xehed illi meta giet ifformata s-socjeta' konvenuta l-kera fl-ammont ta' LM200 kienet tithallas lill-mart il-Kaptan Anthony Spiteri mid-dhul tal-istess kumpanija.

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali Dr. Tanya Sammut Catania, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament ippruvat illi kienet tezisti ditta bl-isem ta' "Giuseppe Mallia" bejn Carmelo Spiteri, missier l-attrici Mary Rose Vigna, u huh l-Kaptan Spiteri. Illi minn **Dok. MS4** a fol. 590, in fatti jirrizulta illi kien inhareg avviz fuq il-gazzetta tal-Gvern bin-numru 9982 datat it-28 ta' Novembru 1950 illi l-proprjetarji tad-ditta Giuseppe Mallia kienu issa Carmelo sive Charles Spiteri u l-Kaptan Anthony Spiteri. Dan l-avviz kien inhareg in segwitu ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria datat l-14 ta' Ottubru 1950 **(**Dok. SBC2 a fol. 600) fejn Carmelo u l-Kaptan Anthony, ahwa Spiteri kienu akkwistaw is-sehem tat-terz (1/3) indiviz ta' huhom l-iehor Edgar Spiteri fid-ditta "Giuseppe Mallia" u ghalhekk f'paragrafu numru tlieta (3) gie stipulat illi:

> ***"In vista ta' liema arrangiament u ghal finijiet u riedu kollha tal-ligi tal-kummerc qed jigi ddikjarat illi l-imsemmija Kaptan Anthony Vincent Spiteri u Carmelo sive Charles Spiteri huma illum unici proprietari assoluti tal-imsemmija ditta "Giuseppe Mallia".***

Illi mill-imsemmi ftehim (li jirreferi ghall-ftehim iehor precedenti ippubblikat mill-istess Nutar datat it-18 ta' Novembru 1946) jirrizulta illi sehem l-ahwa Spiteri fid-ditta "Giuseppe Mallia" kien ugwali:

> *"Il-komparenti ahwa Spiteri jippremettu : (a) Illi in forza ta' obbligazioni privata iffirmata quddiemi Nutar fit-tmientax (18) ta' Novembru tal-Elf disgha mija sitta u erbghin (1946) huma it-tlieta bhala unici Eredi Proprietari tal-imsemmija genituri taghhom u quindi it-tlieta proprietari tad-Ditta "Giuseppe Mallia" irrikonoxxew lil xulxien b'effett minn l-ewwel ta' Jannar tal-elf disgha mija sebgha u erbghin (1947) bhala ugwalment cointeressati fi Dritt jew Diar kollha...."*

Illi minn **Dok. MS5** (a fol. 592) **u Dok. MS7** (a fol. 594) jirrizulta in oltre illi l-Kamra tal-Kummerc kienet **harget licenzja** lill-Kaptan Anthony V. Spiteri u lil Charles Spiteri fit-12 ta' Dicembru 1950.

Illi jirrizulta in oltre illi wara l-mwiet ta' missier l-attrici Carmelo sive Charles Spiteri u tal-Kaptan Antony Spiteri **ma' saret l-ebda likwidazzjoni tal-istess ditta Giuseppe Mallia.**

Illi minn **Dok. MS6** (a fol. 593) li gie pprezentat mill-attrici, cioe' ittra datata t-12 ta' Gunju 1980 mibghuta lill-attrici mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jirrizulta **illi sehem missierha Carmelo sive Charles Spiteri** fid-ditta "Giuseppe Mallia" **kien gie stmat bil-valur ta' £11,189.49,9**:

> ***"The value of your father's interest in the firm Giuseppe Mallia, including his personal account, was determined at £11,189.49,9 on the basis of income tax returns and assessments."*** – Vide fol. 593

In oltre, l-awditur Francis X. Darmanin waqt ix-xhieda tieghu kkonferma li wara l-mewt tal-Kaptan A.V. Spiteri huwa kien hejja l-*Audit Report* Dok. L a fol. 95 et seq. ghas-sena 1980, liema rapport kien gie mitlub minn Kaptan Anthony Spiteri qabel ma' miet. Taht il-kolonna ta' "Allocation of Profits" hemm indikata ic-cifra ta' **Lm6,058 bhala *Net Profit*** ghal dik is-sena 1980 liema ammont gie maqsum b'mod ugwali bejn il-Kaptan A.V. Spiteri u l-eredi ta' Charles V. Spiteri fl-ammont ta' Lm3,029 kull wiehed. Illi mbaghad taht il-paragrafu "Partners Current Accounts" jirrizulta illi l-bilanc dovut lill-Kaptan A.V. Spiteri sal-31 ta' Dicembru 1980 **kien jammonta ghal Lm2,668** filwaqt illi l-**bilanc dovut lill-eredi ta' Carmelo Spiteri kien ta' Lm1,475**.

Illi l-attrici tikkonferma illi wara l-mewt ta' missierha Carmelo Spiteri sakemm miet zijuha l-Kaptan A.V. Spiteri hija kienet involuta fil-gestjoni tad-ditta u kienet taqsam il-profitti.A fol. 156 et seq, in fatti l-attrici Mary Rose Vigna xehdet illi :

> *"Wara l-mewt tal-papa' tieghi kien gie Uncle Tony u talab lill-mama' u sussegwentement lili ukoll prokura generali. Jiena ma' tajtux il-prokura*

> *tieghi pero' l-mama ghamlet lili prokuratrici taghha biex nidher minn flokha fir-rigward tad-ditta "Firm Giuseppe Mallia." Kont nattendi l-ufficju, jew biex nircievi xi flus u ukoll biex niffirma certi karti bhal per ezempju xi expenses tal-Ufficju imbaghad il-bilanc konna naqsmuh. Irrid nippreciza illi jiena kont nircievi cheque ta' Lm80 fix-xahar u barra minn dan kien jaghtini dak li kien jghidli zijuhi li kien jifdal wara li jinqatghu l-ispejjez, jigifieri, skond zijuhi, li baqa' jimxi mieghi bhal ma' kien jaghmel mal-papa. Bejn wiehed u hiehor dan il-bilanc kien ikun ta' bejn Lm5 u Lm10. Kont niffirma rcevuta dwar dan. ....l-Kummissjoni li kienu jibghatu ditti bhala ta' Payne's konna naqsumhom. Kien ikun hemm ditti ohra li jibghatu kummissjoni li konna niddividu bejnietna. Ic-cheque kien ikun f'ismi, u l-bilanc konna naqsmuh 50:50 u wara kont naqsam mal-mama' tieghi......sakemm kien ghadu haj Uncle Tony kien inaqqasli sehemi mill-kera mill-flus li kien jaghtini."* (vide fol. 157 – 158)

L-attrici ma' ssemmiex kemm kienu jammontaw dawn il-kummissjonijiet pero' mill-audit report tas-sena 1980 jirrizulta *"Note: Commissions receivable, amounting to Lm2,927, have been deducted from purchases."*

Jirrizulta in oltre mix-xhieda prodotta mill-attrici u anke mix-xhieda tal-istess Harold Harris u Herbert Warrington illi ftit wara l-mewt tal-Kaptan Antony Spiteri, kienet giet inkorporata s-socjeta' konvenuta Allied Trading Co. Ltd li assorbiet in-negozju tad-ditta Giuseppe Mallia tant hu hekk illi l-istess socjeta' kompliet timporta l-istess ikel mill-istess ditti esteri li kienet timporta d-ditta Giuseppe Mallia u apparti minnhekk baqghet topera mill-istess fond numru 35, Old Bakery Street, Valletta bl-uzu tal-attrezzi kollha tal-ufficju tad-ditta Giuseppe Mallia u baqghu juzaw xi impjegati tad-ditta "Giuseppe Mallia".

L-awditur Francis Darmanin, li kien jiehu hsieb l-awditjar tad-ditta Giuseppe Mallia a fol. 217 sa 218 xehed illi:

> *"niftakar illi d-ditta Giuseppe Mallia giet mehuda mis-socjeta' Allied Trading Limited pero' jiena ma' nafx jekk is-socjeta' kienetx hallset lil Mrs. Spiteri ghas-sehem taghha fid-ditta.* ***Li naf huwa li n-negozju tad-ditta gie mehud minn din is-socjeta. Is-shareholders dak iz-zmien kienu certu***

> ***<u>Harris u certu Warrington. Jiena naf b'dawn il-fatti ghax wara kont naghmel l-auditing tas-socjeta' Allied Trading Limited.</u>*** *Din is-socjeta' fil-fatt baqghet timporta l-istess prodotti bhal Quaker Oats. Is-socjeta' kienet topera mill-istess ufficju li kienet topera fih id-ditta Giuseppe Mallia. Fl-ufficju kien hemm ukoll l-ghamara li qabel kienet tintuza mid-ditta. Kien hemm ukoll xi stocks u kien hemm ukoll van li qabel kien tad-ditta......Jiena niftakar illi d-ditta kellha driver impjegat maghha li kien jaghmel id-deliveries. Dan l-istess driver illum mejjet kien jahdem ukoll mas-socjeta' Allied Trading Ltd. u jaghmel id-deliveries."*

Skond ittra datata l-15 ta' Settembru 1981 mibghuta lill-Avukat Dr. Siegfried Borg Cole mill-Lesme Limited ipprezentata quddiem il-Perit Legali Dr. Guido Saliba li giet immarkata bhala **Dok. 3** a fol. 173,u Dok. A a fol. 4, jirrizulta illi Herbert Warrington kien ghamel trattattivi mal-istess kumpanija estera, **'ad insaputa' tal-attrici** illi s-socjeta' Allied Trading Limited kien ser jkollha r-rapprezentanza esklussiva hawn Malta:

> ***"I thought however we should advise that on the 2nd March Mr. H.A.Warrington informed us of the sad passing away of his father-in – law, Captain Spiteri. We had had dealings with Mr. Warrington for some time and, following his notification that he would be managing the business in Captain's Spiteri's stead, we agreed that the new company, whose name we understood to be Allied Trading Limited, would become our sole represententive in Malta for a year, with effect from the 1st April 1981."***

Herbert Warrington waqt ix-xhieda estensiva tieghu jikkonferma illi wara l-mewt tal-Kaptan Anthony V. Spiteri, kien ghad fadal xi *containers* li kienu jappartjenu lid-ditta "Giuseppe Mallia" pero' ma' jsemmiex valuri. In oltre huwa jikkonferma wkoll illi kien ghad hemm bilanc f'kont bankarju li huwa semmieh "Herbert Warrington Number 2 Account" li jappartjeni lid-ditta "Giuseppe Mallia" u li jaqbel illi ghandu jigi diviz bejn l-eredi tal-ahwa Charles u tal-Kaptan Anthony V. Spiteri. Huwa jammetti ukoll illi minn dan il-kont huwa kien hareg kwazi nofs l-ammont sabiex tithallas id-differenza li kienet dovuta mill-eredi tal-Kaptan Anthony V. Spiteri fuq id-denunzja. Illi dan l-istat ta' fatt jkompli jissostanzja l-

pretensjoni attrici illi l-likwidazzjoni tad-ditta "Giuseppe Mallia" baqghet sallum ma' saretx u li wara li giet inkorporata s-socjeta konvenuta Herbert Warrington baqa' juza l-kontijiet tad-ditta "Giuseppe Mallia" minghajr l-kunsens tal-attrici bhala eredi ta' Charles Spiteri.

Illi in oltre skond Dok. HW4 cioe', kont kurrenti bin-numru 332840851 mahrug f'isem Herbert Warrington mill-HSBC Bank Malta p.l.c. **jirrizulta bilanc ta' Lm1,469.77 fis-17 ta' Marzu 2006.** Jirrizulta illi dan kien l-istess kont numru huwa indikat f' Dok. HW2 li kien kont kurrenti tad-ditta Giuseppe Mallia li kien imsemmi "Herbert A. Warrington No. 2 Account & Firm Giuseppe Mallia". Illi sat-30 ta' Novembru 1983 il-bilanc fuq dan il-kont kien jammonta ghas-somma ta' Lm2,666.39 u Warrington ikkonferma illi dan l-ammont ghandu jigi diviz ugwalment bejn l-attrici bhala eredi ta' Charles Spiteri u bejn l-eredi tal-kaptan A.V. Spiteri. Huwa jikkonferma in oltre illi minn dan il-kont huwa kien gibed kwazi nofs dan l-ammont (liema transazzjoni ma' tirrizultax peress illi *statements* jieqfu sat-30 ta' Novembru 1983) sabiex l-eredi tal-Kaptan A.V. Spiteri jhallsu parti mit-taxxa tas-successjoni fuq d-denunzja tal-Kaptan A.V. Spiteri.

Illi in oltre skond l-*audit report* imhejji mill-Awditur F.X. Darmanin**, jirrizulta illi sehem l-eredi tal-mejjet Charles Spiteri kien jammonta ghas-somma ta' LM1,475** bejn wiehed u iehor l-istess bilanc mizmum fil-kont personali ta' Herbert Warrington Dok. HW4.

**Illi certament jirrizulta fuq ammissjoni tal-istess Herbert Warrington, illi l-ammont ta' Lm1,475 dovut lill-eredi tal-mejjet Charles Spiteri mid-ditta Giuseppe Mallia fis-sena 1980 baqa' ma' thallasx lill-attrici.**

Illi ghal kuntrarju ta' dak li gie ddikjarat fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, jirrizulta mill-provi inkluz mix-xhieda tal-istess Herbert Warrington u ta' Harold Harris illi **is-socjeta' Allied Trading Co. Ltd giet inkorporata bl-iskop uniku illi jitkompla n-negozju illi kien gestit mid-ditta Giuseppe Mallia** u infatti komplew jimportaw l-istess ikel mill-istess ditti esteri illi kienet timporta d-ditta "Giuseppe Mallia" ghalkemm din id-ditta ma' kienetx ghadha giet likwidata. Illi mid-dokumenti ezebiti mill-istess socjeta' konvenuta Dok. Q, Dok. GP u Dok. L jirrizulta illi **f'April 1981 cioe' xahrejn biss wara l-mewt tal-Kaptan Anthony V. Spiteri,** s-socjeta' Allied Trading Ltd. **inghatat r-rapprezentanza**

**esklussiva** hawn Malta tad-ditti esteri Quaker, George Payne & Co. Ltd. u Lesme Limited. Harold Harris a fol. 515 xhed illi:

> *"Allied Trading baqghet tirrapprezenta lid-ditti li semmejt sas-sena 1997 u minn dak iz-zmien 'l hawn il-kumpanija baqghet ma' tistax tigi xjolta minhabba dan il-kaz u ma' operatx f'dan iz-zmien."*

A fol. 487 Herbert Warrington xhed:

> *"Nikkonferma illi d-ditta Allied Trading Company Ltd. kompliet tuza l-istess ufficju, l-istess impjegati u l-istess van u l-istess part-time accountant tad-ditta Giuseppe Mallia. Meta giet iffurmata s-socjeta' Allied Trading Company Ltd, din ma tat l-ebda kumpens u dan kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal xi kumpens fil-futur."*

Illi finalment jigi osservat illi l-partijiet naqsu milli jipprovdu rendikonti finanzjarji tas-socjeta' konvenuta wara l-mewt tal-imsemmi Kaptan A.V. Spiteri.

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti fil-kawza odjerna jirrizulta sodisfacentement ipprovat id-danni sofferti mill-attrici u l-Qorti tqis is-socjeta konvenuta hija responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-attrici, liema danni jirrizultaw a bazi tal-valur li nghata fuq id-denunzja tal-mejjet Charles Spiteri mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sehem ta' Carmelo Spiteri, missier l-attrici, fl-ammont ta' **Lm11,189.49** ekwivalenti ghal **€26,064.50 stante illi dan l-ammont kien gie mahdum fuq ir-rendikonti finanzjarji tad-ditta Giuseppe Mallia ghas-sena 1976 li kien biss ftit snin qabel l-mewt tal-ahhar superstitu** fost il-proprjetarji tad-ditta Giuseppe Mallia.

Illi in oltre l-attrici ghandha tithallas ukoll in linea ta’ danni s-somma ta’ **LM1,475** ekwivalenti ghal **€3,435.82** a bazi tar-rendikonti finanzjarji tas-sena 1980 imhejji mill-Awditur F.X.Darmanin.

Il-Qorti finalment tosserva illi s-socjeta’ konvenuta ma ressqet ebda prova tar-rendikonti finanzjarji tas-socjeta’ konvenuta Allied Trading Co. Ltd. in segwitu tas-sena 1980 sad-data tal-prezentata ta’din il-kawza u cioe’ 17 ta’ Mejju 1982 u ghaldaqstant il-Qorti hija kostretta illi tikkalkola d-danni a bazi biss tar-rendikonti finanzjarji imressqa qabel dik id-data pero’ tinstab sodisfatta illi d-dokumenti cioe’ l-*audit report* tas-sena 1980 (Dok. L) id-denunzja tal-mejjet Carmelo Spiteri (Dok. 4) u kif ukoll l-ittra mibghuta mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni tat-12 ta’ Gunju 1980 (**Dok. MS 6)** jankraw **prova inekwivoka** tal-valur tas-sehem tad-defunt Carmelo Spiteri fil-31 ta’ Dicembru 1980, liema sehem gie approprjat mis-socjeta’ konvenuta.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta , responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici; tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fis-somma ta’ **€29,500.32**; tikundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lil-attrici s-somma indikata ta’ **€29,500.32** in linea ta’ danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta liema imghax huwa dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------